# Il-Ħadd 15.11.2020

1. Il-Ħadd 22/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Bażilika ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

2. Hekk kif l-imxija tal-Covid-19 qegħda fiż-żmien prekarju, ingħatjna id-Direttiva mill-Kurja li għalissa **IT-TQARBIN TAL-MORDA JITWAQQAF** ħlief f'każijiet fejn il-kundizzjoni medika tal-persuna tkun waħda kritika, jew fejn persuni jqarbnu nies fl-istess household/cluster tagħhom. (Sadanittant inħeġġu biex issir it-*TQARBINA TAX-XEWQA*:
   *Ġesù, jiena nemmen li Inti tinsab tabilħaqq fis-Sagrament tal-Ewkaristija.*
   *Irrid inħobbok fuq kollox u fuq kulħadd. Inti taf li nixtieq nirċevik ġewwa fija.*
   *Imma ġaladarba bħalissa ma nistax nilqgħek ġewwa fija sagramentalment,*
   *nitolbok li tiġi fija spiritwalment.*
   *Ejja għandi Ġesù tiegħi, biex jiena niġi għandek.*
   *Ħeġġiġni bl-imħabba għalik biex f'ħajti u f'mewti jiena nemmen fik,*
   *nitma fik u nibqa' nħobbok għal dejjem.*)

3. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li l-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2021. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 125 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 249 mil-lotterija tal-hamper;
   - € 230 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.